# L-Aħbar

Frar 2016
Nru. 204

mill-Provinċja S. Pawl Appostlu - Malta

HANINA BĦALL-MISSIER


## Festa tal-Epifanija u bidu tal-Vista Kanonika



Il-Provinċja Franġiskana flimkien mal-Klarissi ċċelebraw il-Festa tal-Epifanija fil-Monasteru tal-Klarissi f'San Ġiljan, nhar l-Erbgħa 6 ta' Jannar. Il-quddiesa kienet iċċelebrata mil-E.T. Mons Sylvester Magro, OFM. Fil-bidu tal-quddiesa tkellem fuq din il-festa permezz tal-Ktieb "Ġesu ta' Nażaret" tal-Papa Benedittu XVI.

L-omelija saret mil-Ministru Provinċjal P. Richard S. Grech, OFM li tkellem fuq Ġublew tal-Ħniena, l-Epifanija u fuq il-Vista Kanonika li kien qed jiftaħ uffiċċjalment.

Wara l-Quddiesa l-Ministru Provinċjal qassam lil kull patri kopja tad-dokument finali tal-Kapitlu Ġenerali. Wara kulħadd inġabar għal riċeviment fl-okkażjoni tal-festa.

## Tibda l-Vista Kanonika fil-Kunventi



Wara l-ftuħ uffiċċjali nhar il-festa tal-Epifanija għand il-Klarissi, il-Ministru Provinċjal P. Richard S. Grech, OFM beda jżur il-Kunventi wieħed wieħed. Il-Vista tibda billi l-Provinċjal flimkien mal-Patrijiet tal-Kunvent partikolari jiltaqgħu flimkien għal mument ta' talb; jiġi mfisser il-ħsieb wara l-Vista Kanonika u dak li l-Provinċjal ikun qed jistenna minn kull patri.

Waqt il-Vista jiġu murija l-kotba tal-amministrazzjoni, quddies, kronaka u kotba oħra relatati mal-kunvent. Il-Provinċjal ikollu opportunità li jgħix mal-fraternità f'dak li huwa talb u ikel. Il-vista tagħlaq b'quddiesa mal-Komunità li tiltaqa' fil-Knisja.

## *Ikollok ħniena minni...*

Bla dubju ta' xejn, wieħed mill-kompożituri l-aktar prolifiċi u famużi ta' żmienna huwa Andrew Lloyd Weber. Min ma semgħax u ma jiftakarx il-famuż *Jesus Christ Super Star* tas-sena 1970 jew il-*Phantom of The opera* tas-sena 1986. Fost il-favoriti tiegħi personali hemm *Les Miserables* li kien kiteb fis-sena 1985 u li inħadem film fl-2012 bi Hugh Jackman, fil-parti ta' Jean Valjean, Anne Hathaway bħala Fantine u Russell Crowe bħala l-Ispettur Javert. Storja miktuba mill-awtur Franċiż Victor Hugo fis-sena 1862. Hija storja li tirrakkonta kif att wieħed ta' ħniena, ta' karita', ta' mħabba, jbiddel lil Jean Valjean, ħabsi li kien weħel snin twal ta' ħabs għax meta kien iżgħar seraq biċċa ħobż biex jiekol. Mument ta' grazzja għalih li ttrasformah fi bniedem ġdid u rrestawra fiħ il-fidi f'Alla, il-fidi fiħ innifsu u il-fidi fl-umanita' li kien tilef minħabba l-inġustizzja u l-ħruxija li kien sofra. Inbidel u infetaħ b'ħafna mħabba u ġenerożita' lejn il-bżonnijiet ta' dawk ta' madwaru, l-aktar il-foqra u l-bagħtuti. Mhux hekk imma, b'kuntrast miegħu l-Ispettur Javert, li baqa' sakemm qatel ruħu b'idejħ, jippersegwitah bla ħniena, għax qatt ma seta' jemmen li persuna tista tinbidel għall-aħjar.

*ikompli f'paġna 2*

minn paġna 1

Meta wieħed jara għall-ewwel darba din l-istorja jaħseb li l-protagonista huwa Jean Valjean. Imma fil-fatt hija storja ta' konverżjoni ta' bniedem li kien iħalli n-natura tmexxih imma wara dak il-mument ta' grazzja beda jħalli l-Ispirtu jmexxih. Hija storja dwar id-disa' frott tal-Ispirtu kif insibuhom fl-ittra ta' San Pawl Appostlu lil Galatin kapitlu 5. Protagonisti ta' din l-istorja huma l-Imħabba, il-Ferħ, il-Paċi, it-Tjubija, il-Ħniena, il-Maħfra, il-Fidi, il-Ħlewwa u r-Rażan.

Fi tmiem dan il-film, insibu ruħ Jean Valjean tħalli lil ġismu wara mewtu u qabel ma dan jidħol fil-ħajja ta' dejjem ilissen dawn il-kliem mimlijin Verita', "To love is to see the face of God" – "Li tħobb ifisser li tara l-wiċċ ta' Alla"! F'dan il-Ġublew tal-Ħniena, nħeġġeġ lilkom lkoll sabiex issibu ħin ħalli taraw u tgawdu dan il-musical hekk sabiħ, b'messaġġ nisrani hekk qawwi. Imma li wkoll tħallu dan il-messaġġ iġib fil-ħajja tagħkom dik il-bidla permanenti tant mixtieqa, tant meħtieġa u tant mitluba minna lkoll. Il-Mulej jagħtikom is-Sliem!



*P. Richard S. Grech, OFM*
*Ministru Provinċjal*

## Aħbarijiet mid-Definitorju Provinċjali

Wara l-festi tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena, id-Definitorju Provinċjali ltaqa' nhar it-Tnejn, 11 ta' Jannar, 2016 kif kien miftiehem ġewwa l-Kunvent ta' Sant'Antnin, Għawdex. Il-membri tad-Definitorju Provinċjali flimkien ma' P. Patrick Lonsdale ofm, Kustodju tal-Kustodja Ingliża, li kien mistieden proprju għal din il-laqgħa, u Mons. Silvestru Magro ofm, li ġie magħna sa' Għawdex għal din l-okkażjoni, ħadu l-vapur tad-9.00am. Mal-wasla tagħhom l-Kunvent bdew mill-ewwel bil-laqgħa tad-Definitorju Provinċjali ma' Fr. Patrick ofm, dwar il-possibilita' li l-Provinċja tagħna jerġa' jkollha preżenza ġewwa Londra, apparti dik li diġa' hemm ta' ħuna P. Victor Camilleri ofm. Kien il-ħsieb tal-Ministru Provinċjal, anke waqt il-laqgħa tal-English Speaking Conference ta' Ottubru 2015 li kienet saret ġewwa New York, li forsi anke bi sħab mal-Kustodja Ingliża, issa li ma għadhiex Provinċja minħabba nuqqas kbir ta' aħwa, u numru kbir ta' aħwa anzjani, li ser ikollha tħalli xi kunventi u parroċċi, il-Provinċja tagħna tkun tista' tibgħat xi aħwa biex jmexxu parroċċa huma. Dawn it-taħdidiet inizjali kienu miftuħa u pożittivi ħafna, biż-żewġ naħat jseprimu liberament il-ħsieb tagħhom fuq dan il-proġett u x'għandha tkun it-triq il-quddiem. Ebda' deċiżjoni ma' ttieħdet f'dan l-istadju naturalment, u wieħed jistenna aktar żviluppi fil-ġejjieni.

Ir-raġuni ewlenija għaliex din il-laqgħa tad-Definitorju Provinċjali saret Għawdex imma kienet sabiex il-Membri tad-Definitorju Provinċjali jkunu jistgħu jaraw fuq il-post il-pjanta li għamel il-Perit Edward Scerri tal-kunventin li hemm il-ħsieb li jinbena fuq iċ-Ċentru Sant'Antnin. Kellhom isiru xi alterazzjonijiet żgħar, u jidher li meta dan il-proġett jimmaterjalizza fil-futur qrib, ikun wieħed sabiħ u li jixraq lill-Aħwa li jkunu jiffurmaw il-Fraternità bl-użu tal-Kunvent, li sar kbir wisq issa għal Fraternità ta' tlieta biss, ikun dak ta' dar tal-irtiri u/jew tal-akkoljenza.

Matul il-laqgħa ġew diskussi wkoll it-talbiet u l-ħsibijiet tal-mixja reliġjuża ta' ħutna Fr. Ramon Farrugia ofm u Fr. Clive Camilleri ofm. Wara ikla tajba kif taf tipprepara Maria, erġajna lura lejn Malta. Grazzi mill-qalb lill-Aħwa tal-Fraternità P. Joe Caruana ofm, P. Marcello Ghirlando ofm u P. Joseph Magro ofm li laqgħuna bi spirtu tassew Franġiskan.

### Frar
## Appuntamenti

**8** ta' Frar, Definitorju Provinċjali: Rabat

**10** ta' Frar, Formazzjoni Permanenti - il-Belt - 9.45am

**11** ta' Frar, Vista kanonika - Valletta

**15** ta' Frar, Vista kanonika - Rabat

**19** ta' Frar, Vista kanonika - Dar Frate Jacoba, Wied il-Għajn

**23** ta' Frar, Vista kanonika - Sliema

**26** ta' Frar, Irtiri ta' Dixxerniment Vokazzjonali

### Birthdays - Frar

07. P. Alfred Tabone
14. Mons. Sylvester Magro
14. P. Joseph Ciappara
27. P. Pawl Galea

### Festi - Frar

07. P. Richard Grech Stanley
10. P. Pawl Galea
10. P. Paul Attard

# Is-sejħa ta' Franġisku, is-sejħa tagħna

Ta' kull sena fit-2 ta' Frar, Festa tal-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju, il-Knisja tiċċelebra wkoll 'Jum il-Ħajja Konsagrata'. Il-festa ta' din is-sena 2016 iġib fi tmiem tagħha sena dedikata lil ħajja kkonsagrata li kienet bdiet fl-Ewwel Ħadd tal-Avvent 2014 fuq xewqa tal-Papa Franġisku. Għalina li ngħixu din il-ħajja kienet sena oħra ta' grazzji, u issa li din is-sena waslet fit-tmiem tagħha nixtiequ naqsmu miegħek ukoll silta żgħira minn messaġġ li l-Papa Franġisku kiteb f'Ittra Appostolika indirizzata lil persuni kkonsagrati kollha.

'Irroddu ħajr flimkien lil Alla, li sejħilna biex nimxu wara Ġesù billi ningħataw kollna kemm aħna għall-Vanġelu tiegħu u għall-qadi tal-Knisja, u sawwab fi qlubna l-Ispirtu s-Santu li jimliena bil-ferħ u jagħtina l-qawwa li nagħtu xhieda tal-imħabba u l-ħniena tiegħu quddiem id-dinja kollha.'

Wara l-Konverżjoni tiegħu San Franġisk t'Assisi, mhux biss għaraf is-sejħa li għamillu l-Mulej biex jimxi warajh, imma għax kien mimli bl-Ispirtu qaddis ħalla kollox u sar verament xhud tal-imħabba u l-ħniena tiegħu. Huwa ħalla lil Ġesù Kristu jibdel lil ħajtu u jnaqqax ix-xbieha tiegħu fih. Bħal qaddej



l-aktar umli xammar il-kmiem u beda jaħdem, ħadem fost dawk l-aktar foqra u vulnerabli u dan fuq l-eżempju ta' Ġesù qaddej. B'ferħ kbir f'isem il-Knisja xandar il-vanġelu lil fqar. Ix-xewqa tiegħu kienet, li l-aħwa kollha tiegħu li l-Mulej taħ bħala rigal jgħixu s-sejħa evanġelika tagħhom fi ħdan il-Knisja huma wkoll b'ferħ u bla xejn tagħhom, biex bħalu jkunu xhieda awtentiċi fid-dinja u fis-soċjetà ta' żmienhom. Għalihom kiteb Regola, għamla ta' ħajja, fejn il-Vanġelu hu l-ewwel prijorità. Kull patri Minuri, illum għadu jgħix dan l-ispirtu. Din l-isfida hija għalik wkoll żgħażugħ, Int tista tkun parti minnha, tixtieq? Itlob u aħseb fuqha, aħna qed nitolbu għalik, kuraġġ.

*P. Stephen Magro, OFM*
*Animatur Vokazzjonali*




# Kappella ġdida għall-vokazzjonijiet

Matul ix-xahar ta' Jannar wara xogħol ta' manutensjoni fejn qabel kien l-eremitaġġ li hemm fil-ġnien tal-Kunvent tar-Rabat. Wara telqa għal diversi snin issa l-post ġie trasformat f'kappella ġdida.



Maqtugħa 'l bogħod mill-kunvent u f'nofs ġnien din il-kappella se jkollha l-użu tagħha għall-laqgħat vokazzjonali, kif ukoll għal mumenti ta' talb li s-seminarju Franġiskan jorġanizza minn żmien għal-żmien. Bħalissa l-għaqda vokazzjonijiet Franġiskani qed torganizza Lectio Divina kull nhar il-Ħamis fis-6.45pm fil-Kunvent tar-Rabat. Kull min hu interessat jistà ċċempel lil P. Stephen fuq 99275560.

***Il-Ġimgħa 26 fis-7.00pm***
***sas-Sibt 27 ta' Frar sa 12.30pm***

## *Irtir ta' Dixxerniment Vokazzjonali*

ikkuntatja lil
P. Stephen Magro OFM
fuq 99275560
Dawn l-Irtiri ta' Dixxerniment
huma bla ħlas
Post: Dar tal-Irtiri Porziuncola - Baħar iċ-Ċagħaq

## Festa ta' Ġesù l-Ħabib



Kull 8 ta' Jannar hija data li fiha tigi ċelebrata kull sena l-festa ta' Ġesù Ħabib. Fil-5.00pm ingħad ir-rużarju permezz ta' powerpoint. Wara ingħatat il-Barka Sagramentali u fis-6.00pm saret quddiesa konċelebrata li mexxa l-kappillan ġdid tal-Balluta P. Joe Saliba O.Carm.

Wara t-tqarbin P. Eddie Pace, OFM rettur tal-Knisja introduċa omm b'tifel ta' 7 snin b'diżabiltà biex tagħti fil-qosor l-istorja ta' dan it-tifel. Kif spiccat ġie preżentat lilha cheque ta' €2,500 bħala għajnuna, flus miġbura tul sena sħiħa kull nhar ta' Ħamis. Tajjeb li wieħed jgħid li l-ġabra li għada ssir kull nhar ta' Ħamis għall ħutna fil-bżonn kien introduċija P. Bernard Bartolo, OFM li kien ir-Rettur tal-kappella f'Settembru 1988. Wara li spiccat il-quddiesa sar riċeviment.

## Missjunarji għal dejjem




Fil-bidu ta' Jannar itella programm Socio-religjuż bl-isem "Qalb in-Nies" dwar il-Missjunarji Maltin bit-tema:"Missjunarji għal dejjem" fuq l-istazzjoni Nazzjonali TVM. Programm immexxi minn P. Charles Tabone, OP, huwa tkellem mat-tlett isqfijiet Missjunarji Maltin: Mons. Sylvestru Magro, OFM, Mons, Joe Bonello, OFM u Mons George Bugeja, OFM, li tkellemu fuq l-isfidi li jiltaqgħu magħhom fil-missjoni tagħhom u l-esperjenzi varji tagħhom.

## "Missjunarju tal-ħniena"



L-Isqof Mons. Mario Grech fid-diskors tal-Qsim tal-Awguri lis-saċerdoti fis-Seminarju ta' Għawdex nhar is-Sibt 16 ta' Jannar, ħabbar li talab lis-Santa Sede biex il-Papa jaħtar lil P. Marcello Ghirlando OFM bħala "missjunarju tal-ħniena", bl-awtorità li jaħfer anki d-dnubiet riservati għas-Sede Appostolika u jkun "predikatur konvinċenti tal-ħniena".

P. Marcello huwa mistenni li jitla Ruma nhar l-10 ta' Frar fejn jingħata l-mandat flimkien ma missjunarji oħra tal-ħniena minn madwar id-dinja waqt laqgħa privata mal-Papa Franġisku.

## Laqgħa flimkien mal-Klarissi



Bħala parti mill-Festi tal-Milied nhar is-6 ta' Jannar, il-fraternità Franġiskana ta' Għawdex kienet mistiedna għal-mument ta' talb u ikla fraterna fil-monasteru tal-Klarissi ġewwa l-Munxar. Kien mument fratern fejn tkellimna u qsamna l-awguri għal-sena mimlija paċi tal-Mulej.

## Kappela ġdida fil-Kunvent ta' Għawdex



Fil-Kunvent ta' Għawdex ġiet inawgurata kappella ġdida għal użu personali tal-patrijiet. Din il-kappella qed tintuża ukoll biex jingħad it-talb tal-Għasar u tal-Uffiċċju tal-Qari, li qabel kien issir fil-Knisja. Il-Kappella hija l-ewwel fost ix-xogħolijiet ta' manutensjoni li qed isru fil-Kurridur ta' fuq tal-Kunvent.

### Formazzjoni Permanenti: L-Użu tar-Riżorsi

Il-Fraternità Provinċjali fasslet programm ta' Formazzjoni permaneti għas-sena 2016. Dawn se jkunu mifruxa fuq tlett laqgħat bit-tema "L-Użu tar-Riżorsi". Id-dati ta' dawn il-laqgħat huma:

1. 25 ta' Jannar,
   Post: Porziuncola Retreat House, Baħar iċ-Ċagħaq,
   Kelliem: Dr Mark Mifsud.
2. 10 ta' Frar,
   Post: Kunvent Santa Marija ta' Ġesù, l-Belt Valletta,
   Kelliem: Dr Paul Pace.
3. 16 ta' Mejju,
   Post: Dar Frate Jacoba, Wied il-Għajn
   Kelliem: Dr Vince Caruana.

Il-laqgħat jibdew fid-9.30 ta' filgħodu u jispiċċaw bl-ikla ta' nofsinhar. Responsabbli għal dawn il-jiem ta' Formazzjoni hu P. Mark Ciantar fejn sab il-kelliema. F'ittra li kiteb il-Ministru Provinċjal fakkar li dawn huma meħtieġa għal formazzjoni tagħna u mitlubin minna lkoll.

**L–AĦBAR** *mil-Provinċja San Pawl Appostlu - MALTA* - ***Editur:*** *P. Joseph Magro OFM*
***eMail:*** *jmagro@ofm.org.mt* - ***tel:*** *+356 21556095 - http://www.ofm.org.mt - www.fb.com/ofm.org.mt*